MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Komunikazzjoni għall-Midja

16 ta' Ġunju 2021

## L-MFSA tippubblika r-Rapport Annwali u r-Rapporti Finanzjarji tagħha għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020

**Minkejja ċ-ċirkostanzi avversi ġġenerati mill-pandemija tal-COVID-19, is-settur tas-servizzi finanzjarji Malti ra żieda ta' 5.5% fir-rata tal-Valur Miżjud Gross reali li kiber għal EUR 1.028 biljun fl-2020.**

L-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta llum ippubblikat ir-Rapport Annwali u r-Rapporti Finanzjarji awditjati tagħha għas-sena 2020. Ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-Awtorità matul is-sena taħt rieżami - sena li kienet inevitabbilment definita mit-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19.

Minkejja l-isfidi li din ġabet magħha, l-Awtorità baqgħet fi triqtha biex tilħaq il-miri tagħha kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku tagħha, hekk kif il-forza tax-xogħol tagħha bdiet taħdem b'mod remot, u bdiet tagħmel laqgħat, sensibilizzazzjoni u spezzjonijiet b'mod virtwali. Is-settur Malti tas-servizzi finanzjarji b'mod ġenerali rnexxielu jilqa' tajjeb ukoll għax-xokkijiet li rriżultaw mill-feġġa tal-COVID-19, u b'hekk iġġenera żieda fil-valur gross aggregat li ammontat għal Eur1.028 biljun, bl-impjiegi fis-settur jiżdiedu b'7.6% matul l-2019.

Il-punti ewlenin mis-sena taħt rieżami jinkludu:

- Għadd ogħla ta' spezzjonijiet superviżorji li jammontaw għal total ta' 419, li jimmarka żieda ta' 84% mill-2019 u żieda ta' 149% fuq iċ-ċifri tal-2018.
- L-integrazzjoni tal-Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AML, Anti-money laundering) u l-Ġlieda kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu (CFT, Combatting the Funding of Terrorism) fil-qalba tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-oqfsa superviżorji tal-Awtorità. L-MFSA wettqet 81 spezzjoni superviżorja f'isem l-FIAU, kemm bħala spezzjonijiet ta' kamp ta' applikazzjoni sħiħ (komprensivi) kif ukoll bħala spezzjonijiet iffukati (immirati).
- L-ipproċessar ta' 265 applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, li 25% minnhom ġew irtirati jew rifjutati.
- Monitoraġġ kontinwu tal-effett tal-COVID-19 u ta' Brexit fuq is-settur, inkluż l-effetti tiegħu fuq l-istabbiltà finanzjarja.
- Titjib u investiment sinifikanti fir-riżorsi umani tal-Awtorità, b'total ta' 16,383 siegħa ta' taħriġ ipprovdut lill-persunal tal-MFSA. Fl-2020, l-Awtorità stabbiliet ukoll l-Akkademja tas-Superviżuri Finanzjarji li tipprovdi programmi ta' taħriġ lill-impjegati, kif ukoll lil regolaturi, superviżuri, lil dawk li jfasslu l-politika u lil akkademiċi oħrajn barra mill-MFSA.
- L-implimentazzjoni kontinwa tal-Istrateġija Teknoloġika tal-Awtorità filwaqt li tisfrutta r-riżultati tal-investimenti riċenti.
- Enfasi fuq l-iżgurar tal-istabbiltà, tal-kontinwità, u tat-tkabbir kemm għall-Awtorità kif ukoll għas-settur.
- Enfasi kontinwu fuq il-protezzjoni tal-investitur u fuq l-edukazzjoni tal-konsumatur.

- 52 azzjoni ta' infurzar imwettqa, bl-Awtorità toħroġ total ta' EUR 975,462 f'penali amministrattivi, meta mqabbel mat-total ikkombinat ta' EUR 1 2M maħruġa fit-tliet snin bejn l-2017 u l-2019.
- Żieda ta' għaxar darbiet fl-għadd ta' sidien benefiċjarji rreġistrati ta' trusts b'aktar minn 3,000 dikjarazzjoni jiġu rreġistrati.

Il-Professor John Mamo, iċ-Chairman tal-MFSA, iddikjara: "Minkejja ċ-ċirkostanzi avversi ġġenerati mill-pandemija, aħna bi pjaċir ninnotaw li matul l-aħħar sena, is-settur Malti tas-servizzi finanzjarji kompla jikber u jiġġenera opportunitajiet ta' impjieg. Aħna nibqgħu determinati li nidderieġu lis-settur għal livell ogħla ta' sostenibbiltà fit-tul, anki permezz tal-integrazzjoni ta' oqsma ġodda ta' superviżjoni u ta' tkabbir potenzjali."

Dr Christopher P. Buttigieg, CEO ad interim u Uffiċjal Kap għas-Superviżjoni fl-MFSA żied: "Fl-2020, l-MFSA kompliet iżżid il-kapaċità u l-kapaċitajiet tagħha, filwaqt li pproduċiet riżultati fil-prestazzjoni superviżorja. L-Awtorità rnexxielha fl-impenji li saru ma' dawk li jistabbilixxu l-istandards internazzjonali u fi proġetti li kienu tfasslu fil-pjan strateġiku tagħna. Aħna mħeġġin bil-fatt li avolja l-2020 kienet tant mimlija b'avvenimenti, u avolja l-miri strateġiċi tagħna huma tant ambizzjużi, l-Awtorità u s-settur baqgħu mexjin b'mod sod fi triqthom. B'ħarsa 'l quddiem, l-Awtorità se tkun qed tiffoka fuq it-twassil tal-istabbiltà għall-benefiċċju fit-tul tas-settur tas-servizzi finanzjarji, fejn se tkun qed tipprovdi kontinwità, u trawwem it-tkabbir sostenibbli tas-settur. Billi niffokaw fuq dawn it-tliet pilastri, aħna se nkomplu niksbu riżultati pożittivi."

Ir-Rapport Annwali tal-2020 fih ukoll kapitolu dwar l-Istorja tar-regolament dwar is-servizzi finanzjarji f'Malta, miktub minn Dr John A. Consiglio, ex-membru tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MFSA.

## Dwar l-MFSA

L-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri l-banek, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni, is-servizzi ta' investiment, it-trusts u l-pensjonijiet. Fl-2018, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas biex jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif stabbilita fil-Viżjoni 2021 tagħha, hija li ttejjeb il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u affidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq u li żżomm l-istabbiltà fis-settur finanzjarju, għall-benefiċċju u għall-protezzjoni tal-konsumaturi. L-MFSA toħroġ liċenzji lil aktar minn 2,000 entità biex joperaw fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

**@ L-MFSA tippubblika r-Rapport Annwali u r-Rapporti Finanzjarji tagħha għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020**